MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**TONIO MALLIA**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-28 ta' Gunju, 2013

Appell Civili Numru. 368/2005/1

**Catherine Apap**

**v.**

**Vincent Apap**

**Il-Qorti:**

Rat ic-citazzjoni li pprezentat l-attrici li permezz taghha ppremettiet illi:

“Peress illi l-kontendenti zzewwgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Lulju tas-sena elf, disa’ mija, disgha u tmenin (1989) fil-Knisja ta’ San Bastjan fil-parrocca ta’ Hal Qormi (Dok.A);

“Peress illi minn dan iz-zwieg il-konjugi Apap kellhom tlett ulied ilkoll ahwa Apap u cioe` Daniel li twieled fit-tnax (12) ta’ Awissu tas-sena elf, disa’ mija u disghin (1990), Jean Paul li twieled fit-tlieta (3) ta’ Lulju tas-sena elf, disa’ mija, tnejn u disghin (1992) u Sefora li twieldet fl-erbgha u ghoxrin (24) ta’ Settembru tas-sena elf, disa’ mija, sitta u disghin (1996);

“Peress illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti tkissret irrimedjabbilment u m’ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ adulterju, eccessi, sevizzi, theddid, ngurji gravi u vjolenza psikologika fil-konfront ta’ martu l-attrici, kif ukoll minhabba nkompatibilita` ta’ karattru, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

“Peress illi l-Onorabbli Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) b’digriet li jgib in-numru 1431/2005 datat 10 ta’ Ottubru 2005, tat l-awtorizzazzjoni taghha sabiex jigu ntavolati proceduri ghal separazzjoni personali (Dok.B);

“Peress illi t-tentattivi ta’ rikonciljazzjoni ma tawx frott stante li l-konvenut rrenda l-hajja konjugali mpossibbli;

“Peress illi t-tentattivi li saru sabiex tintlahaq separazzjoni bonarja, nkluz permezz tal-medjazzjoni, ma tawx frott lanqas;

“Jghid ghalhekk il-konvenut ghaliex in vista tal-premess, m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

“1. tiddikjara u tordna s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti stante li z-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment u l-hajja konjugali m’ghadhiex aktar possibbli minhabba li l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ adulterju, eccessi, sevizzi, theddid, ngurji gravi u vjolenza psikologika fil-konfront ta’ martu l-attrici, kif ukoll minhabba nkompatibilta` ta’ karattru, kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza u tawtorizza lill-attrici tghix separatament minn ma zewgha l-konvenut;

“2. takkorda lill-attrici l-kura u kustodja ta’ wliedha minuri, b’access favur il-konvenut fil-granet u l-hinijiet li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti u dan taht dawk il-kundizzjonijiet li jidrilha xierqa u opportuni din l-Onorabbli Qorti;

“3. tordna li l-attrici tkompli tghix u tabita fid-dar matrimonjali li hija proprjeta` parafernali tal-attrici u cioe` numru 4, Sqaq Francesco Buhagiar, Qrendi flimkien ma’ wliedha minuri, ad eskluzjoni ta’ zewgha l-konvenut;

“4. tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici martu ghaliha u ghall-ulied minuri, retta alimentari xierqa u adegwata li tigi ffissata minn din l-Onorabbli Qorti skond il-mezzi tal-konvenut u l-bzonnijiet tal-attrici u ta’ wliedha minuri, pagabbli mill-konvenut lill-istess attrici fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din l-Onorabbli Qorti jew jekk jidher xieraq lill-istess Qorti, tordna lill-konvenut sabiex ihallas, minflok dak il-manteniment kollu jew parti minnu, somma globali li fil-fehma tal-Qorti tkun adegwata u dan skond dawk il-modalitajiet li din l-Onorabbli Qorti jidrilha xierqa;

“5. tordna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici, l-beni kollha dotali u/jew parafernali taghha;

“6. tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti;

“7. tillikwida, tiddividi u tassenja l-assi tal-istess komunjoni tal-akkwisti lill-kontendenti f’dak il-proporzjon u b’dawk il-modalitajiet li jigu stabbiliti minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo bl-opera ta’ periti nominandi;

“8. tiddikjara li l-konvenut iddekada mid-drittijiet tieghu a tenur tal-Artikoli 48 u 51 tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif jigi stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, skond ir-rizultanzi.

“Bl-ispejjez, inkluzi dawk inkorsi quddiem il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), kontra l-konvenut li jibqa’ ngunt minn issa stess in subizzjoni.”

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn eccepixxa:

“1. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti izda mhux ghar-ragunijiet moghtija mill-attrici u ghalhekk qieghed jipprocedi permezz tas-segwenti kontrotalba;

“2. Illi l-esponenti jaqbel li ghandha tigi pronunzjata separazzjoni personali ta’ bejn il-partijiet pero` mhux ghar-ragunijiet li jistghu jigu imputati lilu stante li ghat-tkissir irrimedjabli taz-zwieg ta’ bejn il-kontendenti hija biss responsabbli l-attrici li rrendiet ruhha hatja kontra l-eccipjent zewgha ta’ sevizzi, eccessi, minacci, theddid u ngurji gravi b’mod li rrendiet imposibbli l-hajja konjugali ta’ bejniethom u kif ukoll peress li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

“3. Illi t-tieni talba tac-citazzjoni attrici ghandha tigi michuda stante li l-esponent jeccepixxi li l-kura u kustodja tal-minuri Daniel ta’ hmistax-il sena (15), Jean-Paul ta’ tlettax-il sena (13) u Sefora ta’ disa’ (9) snin ghandha tibqa’ kongunta b’dan li l-eccipjent ikollu dritt ta’ access liberu u ampju versu t-tlett minuri;

“4. Illi t-tielet talba tal-attrici ghandha tigi michuda stante li ma jezistux ir-rekwiziti tal-ligi li jimmeritaw li l-esponent jigi allontanat mid-dar matrimonjali ta’ bejn il-partijiet;

“5. Illi l-esponent jopponi ghar-raba’ talba limitatament ghal dak li jirrigwarda t-talba tal-attrici li jigi akkordat manteniment ghaliha personalment u dan peress li l-attrici ghandha kapital sostanzjali li huwa taghha parafernali u li tamminstrah hi personalment, hija kapaci tahdem u l-esponent jikkontendi li hija hekk qed taghmel fil-prezent kif ukoll peress li z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser esklussivament minhabba tortijiet imputabbli lil attrici. Illi f’dak li jirrigwarda l-manteniment ghal minuri l-esponent qatt ma naqas milli joffri u jhallas manteniment ghal minuri skond ftehim milqugh bejn il-partijiet fl-atti tal-medjazzjoni;

“6. Illi l-hames talba ghandha tigi michuda stante li l-eccipjent ma ghandu ebda beni dotali jew parafernali fil-pussess tieghu;

“7. Illi s-sitt talba m’hijiex opposta;

“8. Illi s-seba’ talba m’hijiex opposta b’riserva ghal dak mitlub mill-eccipjenti fil-kontro-talba tieghu;

“9. Illi t-tmien talba ghandha tigi michuda stante li l-eccipjent ma kienx responsabbli ghal ksur taz-zwieg ta’ bejn il-partijiet;

“10. Salv l-eccezzjonijiet ulterjuri.”

Rat il-kontro-talba tal-konvenut li permezz taghha ppremetta:

“Premess illi l-kontendenti zzewwgu fit-tmienja u ghoxrin (28) ta’ Lulju tas-sena elf disa’ mija disgha u tmenin (1989) u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal Daniel ta’ hmistax-il sena (15), Jean-Paul ta’ tlettax-il sena (13) u Sefora ta’ disa’ (9) snin;

“Premess illi l-attrici rrendiet ruhha hati fil-konfront tal-konvenut ta’ eccessi, sevizzi, minaccji, theddid u ngurji gravi u htija ta’ dan il-hajja konjugali ta’ bejniethom m’ghadiex aktar possibli;

“Premess illi z-zwieg ta’ bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

“Premess illi l-partijiet gew debitament awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali skond digriet moghti mill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) liema digriet jinstabu ezebiti annessi mac-citazzjoni u markat bhala Dok B u l-konvenut gie b’effett ta’ l-istess digriet u bl-operazzjoni ta’ Artikolu 37(3) tal-Kodici Civili hu wkoll intitolat jipprezenta l-kontro-talba;

**"Tghid ghalhekk l-attrici rikonvenuta ghaliex, ghar-ragunijiet premessi m'ghandiex din l-Onorabbli Qorti:**

"1. Tippronunzja u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet gravi u tortijiet imputabbli lill-attrici rikonvenuta, fosthom eccessi, sevizzji, minacci, theddid u ngurji gravi u sussidarjament ghaliex z-zwieg ta' bejn il-kontendenti tkisser irrimedjabilment;

"2. Tafda l-kura u kustodja tal-minuri Daniel, Jean-Paul u Sefora f'idejn il-partijiet konguntivament u tistabilixxi d-dritt ta' access favur iz-zewgt partijiet;

"3. Ixxolji u tittermina l-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet prevja n-nomina ta' periti nominandi sabiex jistmaw il-proprjeta` formanti parti mill-kommunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, tillikwida l-assi ezistenti fl-istess kommunjoni tal-akkwisti, liema porzjonjiet ghandhom jigu komposti billi tigi stabilita` data meta l-attrici rikonvenuta ghandha tigi kkunsidrata li tkun hatja tal-firda b'tali mod li l-attrici rikonvenzjonata titlef kull jedd ghall-kull akkwist maghmul bil-hila tal-konvenut, u tassenja n-nofs indiviz tal-imsemmija assi lil kull wiehed mill-partijiet bin-nomina ta' nutar biex jippubblika l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-kontumacji fuq l-istess att;

"4. Tillikwida l-assi u/jew krediti parafernali tal-konvenut u tassenjahom lill-istess konvenut;

"5. Tapplika kontra l-attrici rikonvenuta s-sanzjonijiet kontemplati fid-dispozizzjonijiet tal-Artikoli 48, 51, 53 u 54 tal-Kodici Civili;

"Bl-ispejjez kontra l-attrici rikonvenuta li hi minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tal-attrici li permezz taghha eceppiet:

"1. Illi l-eccipjenti taqble ma' l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenjent fis-sens illi ghandha tigi dikjarata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero` mhux

ghar-raguniet minnu ndikati, izda ghaliex il-konvenut rikonvenjent irrenda ruhu hati ta' adulterju, eccessi, sevizzi, theddid, ingurji gravi u vjolenza psikologika fil-konfront ta' martu l-attrici rikonvenuta u ghaliex iz-zwieg tal-partijiet tkisser irrimedjabbilment ghal ragunijiet imputabbli lilu;

"2. Illi t-tieni talba tal-konvenut rikonvenjent ghandha tigi michuda u l-kura u kustodja tat-tlett ulied minuri ghandha tigi fdata lill-attrici rikonvenuta f'idejn min *de facto* dejjem ivvestiet tali kura u kustodja, filwaqt li l-konvenut rikonvenjent ghandu jigi moghti d-dritt ta' access fi granet u hinijiet li jigu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti, okkorrendo anke billi din l-Onorabbli Qorti tisma' lill-istess ulied minuri;

"3. Illi fir-rigward tat-tielet talba tal-konvenut rikonvenjent, l-attrici rikonvenuta filwaqt illi ma topponix ghal-likwidazzjoni, xoljiment u terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, teccepixxi illi hija mhix hatja tal-firda tal-kontendenti u li ghaldaqstant m'hemm l-ebda data x'tigi stabbilita bhala d-data li fiha ghandha tigi kkunsidrata hatja ta' tali firda u inoltre teccepixxi li t-talba tal-konvenut rikonvenjent ghan-nomina ta' nutar biex jippubblika l-att opportun u ta' kuratur biex jirrapprezenta l-kontumaci fuq l-istess att hija superfluwa u ghandha tigi michuda bl-ispejjez;

"4. Illi fir-rigward tar-raba' talba tal-konvenut rikonvenjent, l-attrici rikonvenuta teccepixxi li l-konvenut rikonvenjent irid jipprova l-ezistenza ta' tali assi u/jew krediti parafernali;

"5. Illi l-hames talba tal-konvenut rikonvenjent ghandha tigi michuda bl-ispejjez kontrih stante li huwa proprju l-konvenut rikonvenjent li huwa responsabbli ghat-tkissir taz-zwieg tal-kontendenti;

"6. Salv eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat is-sentenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) moghtija fis-26 ta' Jannar 2012.

Il-Qorti waslet ghad-decizjoni wara li ghamlet dawn il-konsiderazzjonijiet:

“Illi l-partijiet izzewgu fit-28 ta’ Lulju 1989, u minn dan iz-zwieg ghandhom tlett itfal li llum huma maggjorenni, hlief ghat-tifla Sefora li twieldet fl-24 ta’ Settembru 1996 u li ghalhekk ghadha minorenni.

“Illi wara hajja matrimonjali turbulenti, fejn spikka l-glied kontinwu bejn il-partijiet, il-konvenut telaq mid-dar konjugali fil-bidu ta’ Novembru 2004, u fil-waqt li hu mar joqghod ghand hutu, l-attrici baqghet tghix fid-dar konjugali mat-tlett ulied tal-partijiet.

*“Verzjoni Attrici*

“Illi l-attrici tghid li l-egojzmu u l-inkejja ta’ zewgha, u n-nuqqas tar-responsabbilita’ tieghu kienu fonti ta’ hafna glied bejn il-partijiet, sa minn zmien l-gherusija.

“Hija tghid li *“konna niggieldu hafna, anke fl-gherusija…… jien u Vince ma konnhiex naqblu fuq hafna affarijiet. Dejjem niggieldu qisna kelb u qattus”*[1] Tilmenta li l-konvenut *“baqa’ bil-mentalita’ ta’ guvni”*. Filwaqt li hu kien johrog u jmur fejn irid, hi kienet toqghod id-dar tiehu hsieb il-familja u anke tghin lill-familjari taghha. Tghid ukoll li l-konvenut gieghli refa’ idejh fuqha. *“Darba minnhom tant ma flahtux aktar il-glied li konna niggieldu, li tlaqt mid-dar ghal tlett ijiem.”* Wkoll *“il-glied u l-ghajjat fid-dar qatt ma’ waqaf Vince kellu habta jidghi u joffendini……. Kien hemm qisu hajt bejnietna.”*

“L-attrici tghid li meta l-konvenut telaq mid-dar konjugali fil-bidu ta’ Novembru 2004 *“waqghet il-paci. Il-glied u l-ghajjat u t-tfal imwerwrin spicca.”*

“Fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha l-attrici tistqarr li *“sa mill-bidu nett taz-zwieg, il-partijiet kien jiffaccjaw bosta divergenzi, u dan sforz inkompatibilita’ assoluta ta’*

[1] Aff. Vol.1 – fols. 64 *et seq.*

*karattru, u kif ukoll sforz l-irresponsabbilita' li l-konvenut wera tul il-hajja mizzewga."*[2] Hija takkuza wkoll lill-konvenut b' *"adulterju flagranti".*

*"Verzjoni konvenut*

"Il-konvenut jattribwixxi t-tkisser taz-zwieg ghall-karattur dominanti u litigjuz ta' l-attrici. Jghid *"Fl-gherusija konna niggieldu hafna imma wara, qisu ma gara xejn…… Kien ikollna hafna glied, u dejjem titlobni mahfra u jien dejjem kont nahfrilha"*[3] Anke fit-tieg inqala' l-inkwiet tort ta' l-attrici.

"Jghid li, wara z-zwieg, il-glied kompla, u l-attrici kienet tibqa' *"zzomm il-punt"* go qalba, u ma tahfer lil hadd. Jispjega li *"minni ma tismax, tistmani ta' tifel u mhux ta' ragel taghha, u biex ma' naqlax inkwiet kont noqghod kwiet."* Jghid li l-aktar glied kien ikun biex nohrogu flimkien, peress li hi dejjem kienet issib skuza, u ghalhekk ma kienux johorgu fl-ahhar tal-gimgha. Kienet egojista, anke fir-relazzjonijiet intimi. Kienet tkun riluttanti, ghax tghid li ma kienx ikollha aptit *"u meta kienet thallini, biex tehles minni."* Maz-zmien *"ir-relazzjoni ta' bejnietna marret ghall-aghar hafna, u spiss konna niggieldu; povri tfal konna mwerwruhom u hi kienet toffendini b' ommi u kien jiddispjacini hafna ghax bi hdura kienet toffendini bi kliem oxxen.."* Jispjega li konna *"Gejna f' sitwazzjoni li fejn immur jien, ma tigix hi. Din kienet iddejjaqni hafna….. u meta kont nghidilha biex nohorgu flimkien, kienet tiggieled mieghi."*

"Rigward l-allegazzjoni ta' swat, il-konvenut jghid li *"Meta gieli kien ikollna xi nghidu, kienet thebb ghaliha, u jien nipprova niddefendi ruhi, qatt ma sawwattha, imma hi kienet tattakkani u gieli ppruvat taghtini bis-sieq fuq is-sigrieti tieghi."*

**"Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

[2] Vol.2 – fol.416
[3] Aff. Vol.1 – fols.95 et seq.

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali.

"F'dan il-kaz ma hemmx dubju li l-partijiet ma setghux jibqghu jghixu flimkien, u li z-zwieg taghhom tkisser irrimedjabbilment; u dan tort taz-zewg partijiet li, minhabba nkompatibilita' kbira ta karattru, huma ma setghux jissettiljaw pacifikament ghall-hajja matrimonjali.

"Irrizulta pacifiku li, kemm qabel l-gherusija, kif ukoll matul il-konvivenza matrimonjali, il-partijiet kienu jillitigaw kontinwament, u l-glied bejniethom kien kontinwu; u dan ma kienx tort biss ta' parti jew ohra, izda ta' tnejn, stante li ma gharfux jilhqu t-triq tal-kompromess fiz-zwieg bil-ghan li jghixu il-hajja konjugali minghajr glied. Ir-rizultat kien, komportament abbusiv fil-konfront ta' xulxin, li jkkostitwixxi 'sevizzi' fit-termini ta' l-artikolu 40 tal-Kap.16

"Illi rigward l-allegazzjoni ta' adulterju, il-Qorti tosserva li din ma tirrizultax provata, ghalkemm l-attrici tiddeskrivih bhala *"adulterju flagranti"* ! Jirrizulta li wara s-separazzjoni *de facto*, u fil-mori tal-proceduri, il-konvenut iltaqa' ma' mara, ukoll separata, u ghal xi zmien kienu jiffrekwentaw lil xulxin, sakemm il-konvenut qata'din ir-relazzjoni. L-adulterju ma rrizultax, irrizulta biss li dan kellu hbiberija ma' mara ohra, <u>wara</u> li z-zwieg tieghu tkisser irrimedjabbilment.

"Il-Qorti tenut kont tac-cirkostanzi ta' dan il-kaz, u li wasslu lill-partijiet ghas-separazzjoni, hi tal-fehema li din il-hbiberija temporaneja li l-konvenut kellu ma' din il-mara, la kienet il-kawza tas-separazzjoni u lanqas ikkontribwit b' xi mod ghat-tkissir ta' dan iz-zwieg. Din il-hbiberija tal-konvenut ftit li xejn ghandha rilevanza fil-kaz odjern.

"Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehema li t-talba ghas-separazzjoni personali hija gustifikata fil-fatt u fid-dritt fit-termini ta' l-artikolu 40, u hija mputabbli liz-zewg partijiet b' mod ugwali. L-agir taz-zewg partijiet ghandu jattira fil-konfront taghhom l-applikazzjoni fl-intier tieghu ta' l-artikolu 48 tal-Kap.16

**“Kura u Kustodja**

“Illi l-interessi tal-minuri Sefora jiddettaw li din tibqa’ tghix ma’ ommha l-attrici, izda tenut kont ta’ l-interess li l-konvenut wera f’ uliedu, inkluza l-minuri Sefora, il-kura u kustodja taghha tibqa’ kongunta.

“Ghalhekk tordna li l-kura u kustodja tat-tifla Sefora tibqa’ kongunta, b’ mod li decizjonijiet importanti relatati mas-sahha u l-edukazzjoni tal-minuri jittiehdu konguntivament bejn il-partjiet. Il-minuri pero’ tibqa’ tghix ma’ l-omm.

“Illi l-missier ikollu access ghat-tifla kull nhar ta’ Tnejn u nhar ta’ Erbgha mill-5.30pm sas-7.30pm, u kull nhar ta’ Sibt mill-5.00 pm sad-9.30pm

“Il-Qorti tikkunsidra li, fil-kaz li l-access ma jsirx ghal ragunijiet estranei ghall-konvenut, tigi nominata social worker jew psikologa, a spejjez ta’ l-attrici, sabiex tghin lill-minuri f’ dan ir-rigward.

**“Manteniment**
“Illi f’dan ir-rigward il-Qorti in sostanza taqbel mal-konsiderazzjonijiet tal-perit legali.

“Tordna li l-konvenut jhallas lill-attrici bhala l-kontribut tieghu ghal manteniment tat-tifla Sefora, li ghandha bzonnijiet specjali, retta alimentarja ta’ mitejn u erbghin ewro [€240] kull erba’ gimghat mnaqqsa direttament mill-paga tieghu u mibghuta lill-attrici fir-residenza taghha. Dan l-ammont ghandu jizdied kull sena skond l-gholi tal-hajja kif rifless fl-indici ufficjali. L-ispejjez medici u edukattivi ghandhom jigu sopportati b’ mod ugwali bejn il-partijiet.

“Il-Qorti, kif rakkomandat mill-perit legali, u wara li rat l-artikolu 3B[b] tal-Kap.16, tordna li dan il-manteniment ghandu jibqa’ jithallas mill-konvenut sakemm it-tifla jkollha assi fuq isimha sufficjenti biex jaghmlu tajjeb ghal bzonnijiet taghha u ghejxien xieraq.

"Il-beneficji kollha relatati mat-tifla Sefora ghandhom jigu percepiti mill-attrici fl-intier taghhom.

"Il-konvenut ghandu wkoll ihallas lill-attrici s-somma ta' €2,266.50 rapprezentanti arretrat ta' spejjez ta' edukazzjoni u sahha dovuti minnu lill-attrici, kif sottomess mill-perit legali.

**"Komunjoni ta' l-Akkwisti**

"Illi f'dan ir-rigward il-Qorti tikkondividi l-konsiderazzjonijiet u konkluzjonijiet raggjunti mill-perit legali fir-relazzjoni taghha fil-pagni numri 24 sa 40, u taddottahom fl-intier taghhom, salv ghal dak li ser jinghad aktar l' isfel. Kopja ta' dawn il-pagni qed jigu annessi mal-gudizzju odjern sabiex jifformaw parti ntegrali mill-istess [Appendici C][4]

"Illi fl-ahhar paragrafu tal-pagna 35, l-ammont ta' LM12,000, ghandu jigi sostitwit bl-ammont ta' LM11,00, flimkien ma' l-ekwivalenti f' munita ewro, li kien jifforma l-rikavat tal-bejgh tal-fond Hal Qormi parafernali tal-konvenut.

"Illi jigi osservat, b' referenza ghan-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, li l-ammont ta' LM6,000 [illum €13,976 ] li l-konvenut kien taha lill-attrici mir-rikavat ta' l-imsemmi fond, huwa dovut lura mill-attrici, u mhux mill-komunjoni ta' l-akkwisti, stante li dawn gew uzati mill-attrici sabiex jarrikkixxi proprjeta' parafernali taghha. Fi kliemha: *"Il-flus li thallsu bihom l-ispejjez fil-fond numru 48, Triq il-Parocca, Qrendi fejn qed nghix mat-tfal, nghid li meta r-ragel biegh il-post ta' Hal Qormi li kien parafernali tieghu, hu kien tani nofshom, u cioe' LM6,000 [illum €13,976 ] u dawk infaqthom fil-post tal-Qrendi."*[5]

"Illi rigward l-pretensjoni attrici ghal sehemha ta' nofs is-salarju percepit mill-konvenut matul il-proceduri, il-Qorti tosserva li, kif validament sottomess mill-konvenut, dan kien qed jhallas il-manteniment lill-attrici, filwaqt li l-

[4] Vol.3 – Fols.944 sa 960
[5] Vol.3 – Fol.451

kumplament tal-flus kien juzahom sabiex jghix bihom u jkopri l-ispejjez li hu necessarjament kellu jaghmel meta kien kostrett jifittex akkomodazzjoni alternattiva wara li ma setghax jibqa’ jghix fid-dar matrimonjali, proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici, matul il-proceduri, u ghalhekk din il-pretensjoni hija nsostenibbli fic-cirkostanzi tal-kaz;  izda rigward il-flus sekwetrati u li gew depozitati fil-Qorti, il-Qorti tosserva li, gjaladarba dawn ghadhom jezistu u ma ntefqux, allura, kif konkluz mill-perit legali, ghandhom jigu zbankati u maqsuma wgwalment bejn il-partijiet, stante li jifformaw parti mill-komunjoni ta’ l-akkwisti.

“Illi l-pretensjoni tal-konvenut li dan jigi awtorizzat jghix fid-dar konjugali, proprjeta’ parafernali ta’ l-attrici, filwaqt li din tmur tabita go post iehor parafernali taghha, il-Qorti tosserva li dina mhiex gustifikata fic-cirkostanzi;  stante li, apparti mill-fatt li l-htija tas-separazzjoni tirrisjedi fuq iz-zewg partijiet, u ghalhekk anke fuq il-konvenut, id-dar konjugali hija proprejta’ parafernali ta’ l-attrici, u noltre, il-konvenut li jghix wahdu u li ghandu ntrojtu, m’ ghandux xkiel li jsib akkomodazzjoni ghalih kif *del resto* gja’ ghandu fil-prezent.

**“Decide**

“Ghal dawn il-motivi tiddeciedi dwar <u>l-azzjoni</u> billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel talba fis-sens li tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet, bi htija ta’ l-istess partijiet;

“[2] tilqa’ t-tieni talba, limitatament u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ‘Kura u Kustodja’;

“[3] tilqa’ t-tielet talba;

“[4] tilqa’ r-raba’ talba limitatament ghall-manteniment tat-tifla, u fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Manteniment’, filwaqt li tichad it-talba ghall-kumplament;

“[5] tilqa’ l-hames talba kif stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

“[6] tilqa’ is-sitt u s-seba’ talba fit-termini u kif fuq stabbilit u ordnat fis-sezzjoni ntestata ‘Komunjoni ta’ l-Akkwisti’;

“[7] tilqa’ it-tmien talba;

“Tiddeciedi dwar <u>il-kontro-talba</u> billi:

“[1] tilqa’ l-ewwel, it-tieni, it-tielet u r-raba’ talba fis-sens gja’ fuq deciz;

“[2] tilqa’ l-hames talba;

“L-ispejjez ta’ l-azzjoni u tal-kontro-talba ghandhom jigu sopporati bejn il-partijiet konguntivament fi kwoti wgwali.”

Rat ir-rikors tal-appell tal-attrici li permezz tieghu talbet li din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza msemmija u terga tibghat l-atti lill-ewwel Qorti sabiex tigi deciza skont il-ligi u alternattivament jekk il-Qorti ma jidhrilix illi ghandha tannulla s-sentenza, joghgobha tvarjaha u tirriformaha billi tilqa’ l-aggravji taghha;

Rat ir-risposta u l-appell incidentali tal-konvenut li permezz tieghu talab il-bdil tas-sentenza billi thassar l-ewwel kap tal-parti dispositiva tas-sentenza inkwantu sabet lilu hati tas-separazzjoni u tirriforma r-raba’ kap fejn huwa gie kkundannat ihallas manteniment ghal minuri Sefora billi dan jitnaqqas u jkun dovut biss sakemm din l-istess minuri taghlaq it-tmintax (18)-il sena.

Rat il-verbal tas-seduta tas-16 ta’ April 2013 li permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza wara li l-Avukati tal-partijiet trattaw l-appell.

Ikkunsidrat:

## <u>AGGRAVJI TAL-ATTRICI</u>

Illi **l-ewwel aggravju** u talba tal-appellanti hija biex tannulla s-sentenza msemmija minhabba li ma tissodisfax

id-dettami tal-Artikolu 218 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe` qed tghid li s-sentenza ma ssemmix 'ir-ragunjiet li fuqhom il-Qorti bbazat id-decizjoni taghha'.

Il-Qorti wara li ezaminat is-sentenza ma thossx illi dan l-aggravju huwa fondat. Huwa minnu li s-sentenza strahet hafna fuq ir-rapport peritali izda huwa minnu wkoll li hija qalet ghaliex ghamlet hekk u anke hemm partijiet (indubbjament zghar) tas-sentenza illi ma jaqblux mal-konkluzjonijiet tal-perit legali.

**It-tieni aggravju** huwa dwar il-konkluzjoni tal-ewwel Qorti illi tattribwixxi l-istess tort lill-partijiet ghat-tifrik taz-zwieg. Dan ghaliex, skont l-appellanti, il-Qorti kien messha waslet ghal konkluzjoni li l-konvenut kien hati ta' adulterju – jew ghall-inqas ghal ingurji gravi fir-rigward tal-hbiberija illi huwa kellu ma' certa Jennifer Borda. Il-Qorti kkonkludiet li ma kienx hemm bizzejjed prova li l-konvenut kien hati ta' adulterju. Din il-Qorti taqbel ma' din il-konkluzjoni u jidrilha li kull ma gie ppruvat kien li l-konvenut ghamel zmien jiffrekwenta lil din il-persuna izda mhux li gie kommess adulterju. Certament mhux adulterju *flagranti* kif allegat l-appellanti. Madankollu din il-Qorti taqbel mal-appellanti li din il-frekwentazzjoni, bil-prova indiskutibbli li l-konvenut xtara xi rigali lil din il-persuna u anke tramite provi ohra ta' frekwentazzjoni, tikkostitwixxi ingurja gravi fil-konfront tal-attrici. Fil-fehma ta' din il-Qorti, *dik il-hbiberija tikkostitwixxi ingurja gravi li toffendi l-amor propju tal-mara u s-sentimenti ta' mara mizzewga* (**Taliana v. Taliana**, Prim' Awla, 5 ta' Marzu 1945).

Din il-konkluzjoni pero` ma jfissirx li din il-Qorti se takkolla r-responsabilita` ghat-tifrik taz-zwieg kollha lill-konvenut. Il-Qorti jidrilha li sa mill-bidu ta' dawn il-proceduri, kien evidenti li tezisti inkompatibilta` lampanti ta' karattru bejn il-partijiet u allura anke l-attrici appellanta ghandha iggor parti mit-tort ghat-tifrik taz-zwieg – madankollu in vista ta' dak li gia` ntqal (u dan hu importanti l-aktar ghad-decizjoni dwar il-kap tal-ispejjez) l-akbar tort ghandu jigi akkollat lill-konvenut anke jekk dik il-frekwentazzjoni fuq imsemmija grat wara li l-partijiet kienu gia` sseparaw *de facto* – din il-

<u>Qorti kwindi jidrilha li ghandha takkolla lill-konvenut zewg terzi tar-responsabilita` u terz lill-attrici</u>.

**It-tielet aggravju** huwa li l-Qorti kienet zbaljata meta applikat fil-konfront tal-attrici l-estremi tal-Artikolu 48 tal-Kodici Civili u kwindi d-dekadenza tad-dritt li tircievi l-alimenti. Dan l-artikolu jghid hekk;

**"48.** (*1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef –*

*"(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827;*

*"(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;*

*"(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għallfinijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda millpartijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;*

*"(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ."*

L-Artikoli 38 u 41 imsemmija f'dan l-artikolu jsemmu adulterju u abbandun rispettivament. Ghalhekk din il-Qorti jidrilha li l-attrici appellanti ghandha ragun tilmenta dwar dan u ma hemm ebda raguni legali ghaliex ghandha tiddekadi mid-drittijiet imsemmija fl-Artikolu 48 ghaliex la jirrizulta li hija ikkomettiet adulterju u lanqas li abbandunat lill-konvenut jew lil familja. Lanqas ma l-Qorti thoss li ghandu jigi applikat l-Artikolu 51 jew l-Artikolu 52 fic-cirkostanzi tal-kaz. Dawn l-artikoli jippermettu lill-Qorti biex tapplika in parti dawk l-effetti tal-Artikolu 48; izda

lanqas f'dan l-aspett il-Qorti, skont il-provi mressqa, ma jidrilha li jezistu l-estremi biex taghmel dan. Kwindi f'dan l-aspett il-Qorti se tilqa' l-aggravju taghha.

Stabbilit dan, allura peress li l-Qorti jidrilha li l-appellanti jibqalha d-dritt li tircievi l-alimenti u peress li hu car li minhabba dak li se jintqal aktar il-quddiem u cioe` li hija ma tantx ghandha opportunita` li timpjega ruhha minhabba l-kundizzjoni tal-minuri, il-Qorti trid tiddeciedi l-ammont li ghandu jkun dovut bhala alimenti. Madankollu peress li hija ghandha introjtu minn kirjiet *sia pure* mhux xi ammonti kbar u l-introjtu tal-konvenut appellat ma baqax daqshekk konsistenti wara li intemmlu l-impjieg id-Dockyard, din il-Qorti thoss li filwaqt li zzomm intatt id-dritt tal-manteniment, taghmel kif ghamlet l-ewwel Qorti fi stat bikri tal-proceduri (meta kienet ordnat hlas ta' hames Liri antiki (Lm5) mensili) u takkorda manteniment nominali ta' tnax-il Euro (€12) fix-xahar. Dan ghalhekk ifisser li l-Qorti qed tilqa' **r-raba' aggravju** tal-appellanti *sia pure* b'dan il-mod limitat.

**Il-hames aggravju** jirrigwardja l-qsim tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet.

Dan l-aggravju jikkonsisti f'diversi lanjanzi. *L-ewwel* ma ssemma l-appellanti hija s-somma ta' tlettax-il elf, disa' mija, sitta u sebghin Euro (€13,976) li l-konvenut appellat kien taha mir-rikavat tal-bejgh tal-fond parafernali tieghu f'Hal Qormi u li skont is-sentenza appellata hija ghandha tirrifondi lill-konvenut appellat. Hija ssostni illi dawn fil-fatt kienu jirraprezentaw rimborz ghal flus parafernali li hija kienet nefqet fl-istess fond tal-appellant. Dan ma jirrizulta minn imkien fil-process, anzi kif tghid is-sentenza appellata, il-konvenuta stess qalet li dawn il-flus intefqu fil-fond parafernali taghha (fol. 575). *It-tieni* ilment huwa fir-rigward tas-somma ta' sitt elef, disa' mija u tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) raprezentanti rikavat mill-bejgh ta' fond; hija qed tghid illi ma hemm ebda indikazzjoni mill-provi ta' x'sar minnhom u allura ma kellhiex tigi ordnata thallas din is-somma lill-appellat. Hawnhekk il-Qorti taqbel maghha; min jallega jrid jipprova (Artikolu 562 tal-Kodici tal-Procedura) u allura ladarba l-

konvenut ma gabx prova ta' dan, l-appellanta ghandha ragun li ma tigix ordnata thallas din is-somma. Il-Qorti taqbel ukoll maghha fir-rigward tat-*tielet* ilment taghha li ma ingabitx prova li hija qed tiehu sehemha mill-kirjiet tal-fondi li wirtet ma' hutha; anzi hija xehdet (fol. 575) li ghandha ftehim ma' hutha li ma thallasx kera tal-fond fejn tabita u ma tiehux kirjiet. Dan ma giex kontestat. Kwantu ghar-*raba' ilment* pero` l-Qorti ma taqbilx mal-appellanti illi l-perit legali strahet kompletament fuq ir-rendikont prezentat mill-konvenut appellat u mmarkat Dok G; anzi hija ghamlitha cara illi hadet biss inkonsiderazzjoni l-ispejjez li dwarhom huwa pprezenta ricevuta.

Ghalkemm ma hemm ebda talba specifika fl-atti, jidher mill-istess li l-partijiet jaqblu illi l-appellanti tirreverti ghal kunjom xbubitha jekk tixtieq dan u li l-istess partijiet ma jirtux lil xulxin.

## APPELL INCIDENTALI

Kif inghad il-konvenut appellat ippropona appell incidentali bbazat fuq tliet aggravji.

**L-ewwel aggravju** huwa fis-sens li l-konvenut isostni li kienet l-attrici li kienet il-kawza ghas-separazzjoni. Il-Qorti gia` ppronunzjat ruhha aktar qabel u ghalhekk stante dak li gia` inghad, tichad dan l-aggravju.

**It-tieni aggravju** huwa li ma ghandux introjtu sufficjenti biex ihallas il-manteniment ordnat mill-ewwel Qorti, izda din il-Qorti wkoll ma taqbilx u jidrilha li dik il-Qorti kkonstatat sew id-dhul tieghu u l-bzonnijiet kbar tal-minuri Sefora meta ddecidiet l-ammont li ghandu jithallas.

**It-tielet aggravju** jirrigwardja l-istess ordni ta' hlas ta' manteniment ghal minuri u l-konvenut qed jilmenta li ma ghandux ikun ordnat jaghmel dan il-hlas anke wara li l-minuri taghlaq it-tmintax-il (18) sena. Kif gia` inghad pero`, il-bzonnijiet tal-minuri m'humiex se jieqfu anzi l-probabilita` hija li se jizdiedu. Fil-mori tal-appell infatti hija giet dianjostikata li tbati minn skizofrenija (mhux biss minn *Williams' Syndrome* kif kien gia` stabbilit) u ghalhekk

huwa obbligu tal-konvenut li jibqa' jmantniha sakemm ikun hemm bzonn.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti tiddeciedi l-appell billi **fir-rigward tal-appell principali** tilqghu limitatment billi filwaqt li tirrevoka dik il-parti tas-sentenza fejn il-partijiet gew dikjarati responsabbli indaqs ghat-tifrik taz-zwieg u tiddikjarahom responsabbli kwantu ghal terz lill-attrici u zewg terzi lill-konvenut; tirrevoka l-parti fejn gew komminati l-effetti tal-Artikolu 48 fil-konfront tal-appellanti u kwindi tordna lill-konvenut appellat ihallasha manteniment fis-somma ta' tnax-il Euro (€12) fix-xahar; fir-rigward tal-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti tirrevoka u thassar il-partijiet fejn l-appellanti giet ordnata thallas is-somma ta' sitt elef, disa' mija, tmienja u tmenin Euro u tnax-il centezmu (€6,988.12) u li thallas nofs id-dhul tal-kirjiet tal-fondi parafernali taghha; izda **tikkonferma s-sentenza appellata** fil-partijiet l-ohra kollha taghha. Il-Qorti ghal kull buon fini tawtorizza lill-attrici terga' lura ghal kunjom xbubitha u tiddeciedi illi l-partijiet ma jirtux aktar lill-xulxin *ex lege*. L-ispejjez tal-ewwel istanza u tal-appell fir-rigward tat-talba attrici u l-kontro-talba tal-konvenut (hlief ghal appell incidentali) jigu imhallsa kwantu ghal terz mill-attrici u zewg terzi mill-konvenut;

**Fir-rigward tal-appell incidentali** il-Qorti tichad l-istess u tordna li l-ispejjez tieghu jkunu interament imhallsa mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------